# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 3 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 40.**
**Citazz. Nru. 1560/00 JRM.**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Saviour Casha u martu Paula Maxime Casha.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' disat elef mija u disghin lira Maltija (LM9190), rappresentanti import ta' 22 il-kambjala, wahda ta' LM170. 20 ta' LM435 il-wahda u l-ohra ta' LM320, debitament accettati, skaduti minn Settembru 1997 sa Gunju 1999 u

mhun imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 22 konsekuttivament u inklusivament;

Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija m'ghandhomx il-konvenuti jigu kundannati:

(1) ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM9190.00,0 (disat elef mija u disghin liri Maltin) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq; u

(2) l-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 ta' Gunju 2000 jammontaw ghal LM1518 (elf hames mija u tmintax il-liri Maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM9190.00,0 (disat elef mija u disghin liri Maltin) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq u l-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 ta' Gunju

2000 jammontaw ghal LM1518 (elf hames mija u tmintax il-liri Maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2000, kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**3, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3, ta' Novembru, 2000.**